## 19 ta' Jannar, 1956

## Imħallef:

## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

John Muscat *versus* Patrick Duffy et.

### Ġurisdizzjoni — Art. 743 tal-Proċedura Ċivili

*Jekk il-konvent f'kawża kien assenti meta saret iċ-ċitazzjoni, l-attur għandu d-dmir, biex jirradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna li jieħdu konjizzjoni tal-kawża, li jipprova li l-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer jew li, għad li l-konvenut ma jinsabx f'dawn il-Gżejjer, is-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*Id-dispożizzjoni li tgħid li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq kull persuna dwar ħwejjeġ li qegħdin jew jinsabu f'dawn il-Gżejjer tikkontempla l-eżerċizzju ta' azzjoni reali, li jkollha bħala oġġett ir-rivendika jew jew il-proprjetà ta' dawk il-ħwejjeġ, u mhux l-eżerċizzju ta' azzjoni personali.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha oppurtuni, peress li l-attur kera karrozza lill-konvenut tal-marka "Hilman Minx" numru 11437; u peress li l-konvenut, mħabba ħtija, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, u raġunijiet oħra imputabbli għall-istess konvenut, kisser din il-karrozza billi baqa' dieħel fuq xi siġar u fuq ħajt fit-trieq Valletta Road, fl-24 ta' Ġunju 1954, f'xi s-sagħtejn ta' filgħodu, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; talab li l-konvenut jiġi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti responsabbli tad-danni kollha kaġunati lill-attur fl-imsemmija karrozza, u l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' flus in linea ta' danni li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti jekk hemm bżonn per mezz ta' periti li jiġu minnha nominati għal dan il-fini. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tas-6 ta' Lulju, 1954;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni opposta mill-kuraturi;

Illi mir-riferta tal-marixxall (fol. 2 tergo) jirriżulta illi l-konvenut kien ilu ħafna li rritorna l-Ingilterra mal-iskwadra tiegħu, u għalhekk iċ-ċitazzjoni ma setgħetx tiġi lilu notifikata; għaldaqstant l-attur talab li l-kawża ssir kontra kuraturi tal-elenku (fol. 6). Ma giex pruvat mill-attur, kif kien dmiru, biex jirradika f'din il-Qorti l-ġurisdizzjoni, illi l-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer; anzi, skond l-imsemmija riferta, il-konvenut jinsab arrwolat fil-forzi armati tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u jkollu jsegwihom f'dawk il-postijiet kollha fejn ikunu stazzjonati. Lanqas ma pprova l-attur illi, għad li l-konvenut ma jinsabx f'dawn il-Gżejjer, is-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer. Veru li skond is-subartikolu (ċ) tal-art. 743 (Proċ. Ċiv.), il-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni fuq kull persuna, f'kawżi dwar ħwejjeġ li qegħdin jew jinsabu f'dawn il-Gżejjer; iżda dan l-inċiż jikkontempla l-eżerċizzju ta' azzjoni reali, li jkollha bħala oġġett ir-rivendika jew il-proprjetà ta' dawk il-ħwejjeġ (Kollez. XXIV-I-1145), mentri l-azzjoni esperita mill-attur hija indubbjament personali;

Illi, konsegwentement, ma jirrikorri ebda wieħed mill-każi kontemplati fl-art. 743 (Proċ. Ċiv.), li jirregola l-ġurisdizzjoni tal-Qrati f'dawn il-Gżejjer;

Illi,kwantu għall-ispejjeż, dawn jeħtieġ li jiġu moderati billi l-eċċezzjoni ġiet mogħtija wara li ġie eżawrit il-meritu kollu;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni fuq opposta mill-konvenuti nomine;

U konsegwentement tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru għall-konvenuti nomine.